# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 16**

**Rikors numru 167/17/1 AF**

**Hector Nicholas u Maria Concetta konjuġi Buhagiar**

**v.**

**Jesmond Garrett**

**Il-Qorti:**

1. L-atturi huma l-ġenituri ta' Alison Buhagiar, li ġiet nieqsa f'Diċembru 2016. Il-konvenut kien f'relazzjoni mal-imsemmija Alison Buhagiar u kienu ilhom jgħixu flimkien għal ċirka tnax-il sena. Permezz ta' testment magħmul fit-23 ta' Diċembru 2014 Alison Buhagiar kienet innominat u istitwiet lill-konvenut bħala l-uniku eredi universali tagħha. L-atturi jsostnu li huma kienu taw lil binthom is-somma komplessiva ta' €30,000 permezz

ta' self *brevi manu* u li din is-somma hija issa dovuta mill-konvenut bħala l-eredi universali ta' binthom. L-atturi jgħidu wkoll li Alison Buhagiar kienet irċiviet xi oġġetti tad-deheb mingħand ommha l-attriċi permezz ta' self sabiex tkun tista' tagħmel użu minnhom, liema oġġetti għandhom valur sentimentali għaliha u li għadhom fil-pussess tal-konvenut.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi d-defunta Alison Ann Buhagiar kienet debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000).
> 2. Tiddikjara illi Jesmond Garrett, bhala l-werriet universali tad-defunta binthom Alison Ann Buhagiar, debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000).
> 3. Tikkundanna lill-konvenut Jesmond Garrett sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000).
> 4. Tiddikjara illi l-oggetti tad-deheb, proprjetà ta' Maria Concetta Buhagiar, u mislufa lil bintha d-defunta Alison Ann, jinsabu fil-pussess tal-intimat.
> 5. Tikkundanna lill-intimat jirritorna l-istess oggetti tad-deheb lura lir-rikorrenti.
> Bl-ispejjez u nkluzi l-imghaxijiet legali, sad-data tal-effettiv pagament.
> Bl-intimat ingunt minn issa in subizzjoni."

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* illi s-somma komplessiva ta' €30,000 ingħatat mill-atturi lil Alison Buhagiar bħala donazzjoni u mhux bħala self *brevi manu* u li l-oġġetti tad-deheb li l-attriċi tat lil bintha kienu ġew mogħtija b'donazzjoni u mhux b'self.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' April 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom."

5. L-atturi ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-5 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u prevja ċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

6. Il-konvenut appellat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-20 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi peress li spustat għal fuqhom l-oneru tal-prova li t-trasferiment ta' flus mertu ta' din il-kawża ma kienx self iżda donazzjoni. Jargumentaw li ġaladarba ma sarx att pubbliku ta' donazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili allura dan juri li t-trasferimenti ta' flus ma kinux donazzjonijiet iżda atti ta' self. Iżidu li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata meta wieħed iqis il-ġurisprudenza fuq il-materja għaliex ma kinux huma li kellhom jippruvaw li kienu sellfu l-flus in kwistjoni lil binthom u mhux tawha donazzjoni iżda

kien il-konvenut li kellu jipprova d-donazzjoni allegata minnu bħala d-difiża tiegħu. Isostnu li l-presunzjoni hija favur is-self u mhux favur id-donazzjoni u dan kuntrarjament għall-impressjoni li kellha l-Ewwel Qorti meta ddecidiet din il-kawża.

8. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jargumentaw li fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament manifestament żbaljat tal-provi. L-appellanti jgħidu li jirriżulta mhux kontestat li l-flus li ġew mislufa lil bint l-atturi minn flus li kien wiret l-attur u mir-rikavat tal-bejgħ ta' proprjeta` li wiret l-istess attur u li l-ftehim kien li huwa jislef lil bintu Alison Ann din is-somma ta' €20,000 biex hi tiddepożitahom fil-kont tas-self li ħadet mill-bank, taqta' s-self imbagħad tħallas lura lil missierha mingħajr imgħax, biex b'hekk tkun iffrankat l-imgħax. Isostnu li s-somma ta' flus mgħoddija lil binthom ma kinitx tenwa meta mqabbla mal-kondizzjoni ekonomika tagħhom tant li kienu f'posizzjoni jgħinu lil binthom biss minħabba li wirtu. Iżidu li l-element ta' *traditio* immedjat huwa nieqes peress li s-somma ġiet mislufa permezz ta' diversi pagamenti filwaqt li minn imkien ma tirriżulta l-intenzjoni tal-irrevokabilita` tat-trasferiment tal-flus. Jgħidu wkoll li l-provi tagħhom la kienu kontradetti u lanqas ma setgħu jiġu kontradetti proprju għaliex il-ftehim dwar is-self sar bejn l-atturi u binthom u mhux fil-presenza tal-konvenut. Finalment jgħidu li anke kieku l-Ewwel Qorti kellha xi dubju dwar liema verżjoni kienet ser temmen, hija kellha tabbraċja t-teżi tal-atturi u mhux tal-konvenut.

9. L-appellat jirribatti li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti xeħtet fuq l-atturi l-oneru tal-provi li l-flus li ngħataw lil binthom kienu donazzjoni, tant li l-Ewwel Qorti ċċitat l-istess sentenzi li l-atturi jibbażaw l-appell tagħhom fuqhom, u jżid li l-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li t-transazzjoni kienet donazzjoni u mhux self ma jfissirx li l-Ewwel Qorti għabbiet lill-atturi b'oneru ta' prova aktar gravuż. Jargumenta li l-ġurisprudenza ma tiddettax li teżisti presunzjoni *iuris et de iure* li kull trasferiment ta' flus jikkostitwixxi self, iżda hija biss fis-sens li din il-presunzjoni tapplika biss fejn il-Qorti tkun rinfaċċjata b'kunflitt ta' provi u b'xhieda ugwalment plawżibbli. Jgħid li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-pagamenti li saru lil Alison Ann Buhagiar dejjem kienu rrevokabbli u għalhekk m'hemm l-ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi. Jargumenta li fl-appell tagħhom l-appellanti jqajmu aggravju fis-sens li d-donazzjoni bħala tali kienet nulla billi ma saritx permezz ta' att pubbliku u jgħid li sabiex l-appellanti jkunu jistgħu jattakkaw il-validita` tad-donazzjoni jridu l-ewwel jaċċettaw li kien hemm donazzjoni, u li peress li dan ma għamluhx l-appellanti minflok jargumentaw li n-nuqqas ta' att pubbliku jħalli dubbju dwar jekk it-transazzjoni kinitx self jew donazzjoni. Isostni li l-Ewwel Qorti diġa` investigat din il-kwistjoni u korrettement ikkonkludiet li fid-dawl tal-qagħda finanzjarja tal-atturi huma kienu jifilħu jagħtu donazzjoni simili lil binthom, filwaqt li jżid li huwa inverosimili li ġenitur joqgħod jinkorri spejjeż żejda ta' nutar u publikazzjoni ta' kuntratt biex jagħti donazzjoni lil bintu.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju jgħid li mhuwiex minnu li hu ma jafx x'diskors intqal dwar l-għoti ta' dawn il-flus lil Alison Ann Buhagiar għaliex fl-affidavit tiegħu ddeskriva diskors li ntqal fil-presenza tiegħu minħabba li Alison oriġinarjament ma kinitx komda taċċetta din id-donazzjoni. Iżid li l-attur dejjem, ħlief għal okkażjoni waħda, jirreferi għall-flus in kwistjoni bħala flus li hu ta lil bintu, pjuttost milli flus li silifha. B'referenza għal dawk il-provi li l-appellanti jgħidu li huma rrelevanti jargumenta li dawn il-provi jikkostitwixxu provi ċirkostanzjali li juru li l-atturi kienu ta' sikwit iħallsu għal li kien ikollha bżonn Alison Ann, li kienu taw somom kbar ta' flus lil oħtha u li kien biss lejliet il-kawża li bdew jibnu storja li oħtha qed tħallashom lura, li mhuwiex minnu li Alison kienet qed tinkwieta dwar is-self li kellha mal-bank, li l-atturi ħaduha bi kbira li Alison kienet ħalliet lilu bħala l-eredi universali tagħha tant li ħadu l-liġi b'idejhom u ppruvaw jieħdu ġojjellerija mid-dar fejn binthom kienet tgħix mal-konvenut u li l-appellanti qatt ma interpellawh bonarjament jew permezz ta' ittra uffiċjali qabel ma ġiet intavolata din il-kawża. Iżid li b'mod partikolari n-notamenti li ħalliet warajha Alison Ann Buhagiar jixhdu l-karattru dominanti tal-attriċi u jgħid li t-talba għar-restituzzjoni tal-oġġetti tad-deheb f'din il-kawża saret biss biex tiġġustifika l-intrużjoni tal-attriċi fid-dar tiegħu waqt li kienet għadha soġġetta għall-proċeduri kriminali tant li tali deheb ma jissemma imkien fir-rikors tal-appell.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi din il-kawża hija dwar allegat self brevi manu. L-atturi jikkontendu li l-konvenut, bħala l-uniku eredi ta' binthom Alison Ann Buhagiar, għandu jrodd lura s-somma ta' €30,000 li huma kienu silfu lil binthom kif ukoll sabiex jirritorna l-oġġetti tad-deheb mislufa mill-attriċi lill-istess Alison Ann Buhagiar.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi konjuġi Buhagiar huma l-ġenituri ta' Alison Ann Buhagiar li tilfet ħajjitha traġikament nhar id-9 ta' Diċembru 2016. Il-konvenut kien is-sieħeb ta' Alison u kienu ilhom flimkien ħdax-il sena dakinhar illi mietet. Alison kienet għamlet testment nhar it-23 ta' Diċembru 2014 li permezz tiegħu innominat lill-konvenut bħala eredi universali tagħha.

Mhux kontestat illi l-atturi kienu għaddew is-somma komplessiva ta' €30,000 lil binthom qabel ma mietet. Din ma kienitx l-ewwel darba li huma għenuha finanzjarjament kif kienu għenu lil binthom l-oħra Audrey qabilha.

Madanakollu, filwaqt illi l-atturi jinsistu li l-ftehim ma' Alison kien illi dawn il-flus kellha troddhom lura malli taqta' l-loan tal-bank fuq id-dar tagħha, il-konvenut jinsisti li l-flus fil-fatt kienu donazzjoni u ma kien hemm l-ebda ftehim sabiex Alison xi darba tħallashom lura.

Dwar l-oġġetti tad-deheb jirriżulta li l-għada tal-funeral ta' Alison kien seħħ inċident ġewwa d-dar fejn hija kienet tgħix mal-konvenut meta l-atturi qabdu u daħlu biex jieħdu dak illi huma qed jippretendu li huwa tagħhom. Jidher illi permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-attriċi nstabet ħatja ta' ragion fattasi filwaqt illi l-konvenut instab ħati talli ħebb għall-attriċi u kkawżalha ġrieħi ta' natura ħafifa. L-attriċi ma appellatx mid-deċiżjoni fil-konfront tagħha filwaqt illi l-konvenut appella iżda b'sentenza tas-27 ta' Jannar 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tiegħu u kkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Kif diġà ntqal, il-partijiet m'humiex jaqblu dwar jekk il-flus mertu tal-każ kienux mogħtija b'self jew b'donazzjoni u fil-fatt din hija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-każ fl-ismijiet Albert Fiorentino vs Rebecca Attard, tad-19 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

"Kif manifest mill-aggravju u mil-linja difensjonali assunta mill-konvenuta appellanti din tikkampa t-tezi taghha fuq il-fatt tad-donazzjoni tal-oggetti moghtija lilha mill-attur, bl-eccezzjoni ta' mejda. Apparti l-kwestjoni tal-aspett oggettiv tal-materja ossija tal-att materjali, li f'dan il-kaz certament jezisti gjaladarba l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenuta, d-donazzjoni tirrikjedi

wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv, ossija l-prova tal-animu tal-liberalità.

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Carmela Pace -vs-Rosaria Caruana et", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez Vol XXXIII pII p416 "ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona".

Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta' l-allegata donazzjoni.

Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi "min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari ..." (Kollez Vol XXXII pII p472)."

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku. Madanakollu, it-tieni sub-inċiż ikompli billi jgħid illi din id-disposizzjoni ma tgħoddx 'għal rigali, li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbli korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkostanzi oħra.'

Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Margaret Woodall vs Anthony Rapa, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"Hu car li f'sitwazzjonijiet bhal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih."

Finalment, fil-każ fl-ismijiet Claire Galea vs Dr Renald Blundell, tal-20 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet proprju hekk:

"Meta l-ligi fl-Artikolu 1753 (1) tal-Kodici Civili tesigi ad validitatem li d-donazzjoni ghandha tirrizulta minn att pubbliku dan ma taghmlux b'kapricc izda biex telimina kull dubju u dissidji fuq in-natura guridika tal-ftehim li jkun sar. Huwa veru li skond is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu din il-formalità mhix hekk obbligatorja fil-kaz ta' donazzjonijiet li jinghaddu minn id ghal id, ta' flus jew hwejjeg ohra mobili korporali jew ta' titoli ghall-portatur jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, avut rigward ghall-kondizzjonijiet tal-persuni u cirkustanzi ohrajn. Anke jekk bil-kriterju soggettiv, tenut kont tal-kondizzjonijiet ekonomici tad- "donanti", il-kuncett tal-valur modiku jista' apparentement jitqies li hu sodisfatt, mhux l-istess jista' jinghad, fil-fehma tal-Qorti, illi l-istess koncett jilhaq l-aspettattiva tal-kriterju oggettiv korrelat mas-somma moghtija. L-ammont ta' elfejn lira (Lm2000) mhux wiehed negligibbli u allura kien dejjem mistenni li l-prova li dak l-ammont kien rigal tkun wahda aktar rigoruza minn semplici asserzjoni;"

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum u wara li fliet bir-reqqa l-provi voluminużi fl-atti, il-Qorti ssib illi l-atturi ma ressqux biżżejjed prova sabiex jikkonvinċuha li s-somma flus de quo kienet għaddiet għand binthom bil-patt illi hija troddhom lura.

Mhux kontestat illi l-atturi kienu sikwit iħallsu għal dak li kien ikollha bżonn Alison, minn għamara sa safar u li dawn kienu kollha donazzjonijiet. Huma biss l-aħħar €30,000 li kienu avvanzawlha permezz ta' tlett bank transfers li l-atturi qed jippretendu li kienu self u mhux donazzjoni.

Jirriżulta wkoll illi mas-snin l-atturi kienu avvanzaw ammont sostanzjali ta' flus lil binthom l-oħra Audrey Buhagiar. Filwaqt illi l-atturi u binthom xehdu li l-ftehim dejjem kien illi l-flus tħallashom lura meta tkun tista', mill-atti jirriżulta li Audrey Buhagiar kitbet cheque wieħed biss ta' €2,500 lill-attur ftit qabel ma saret din il-kawża. Għaldaqstant, il-verżjoni tal-atturi li huma kienu silfu l-flus lil Alison bħal ma kienu silfu flus lil oħtha m'hijiex konvinċenti.

L-atturi jikkontendu li huma kienu silfu l-flus mertu tal-każ lil Alison għaliex kienet inkwetata fuq kif ser thallas il-home loan peress illi kienet marida u ma kienitx taf jekk hux ser tkun tiflaħ tkompli taħdem sakemm tasal għall-età tal-irtirar. Madanakollu, din it-teżi lanqas ma hi sostanzjata bil-provi in kwantu li jirriżulta li fil-fatt, parti biss minn dawn il-flus kienu intużaw minn Alison għal dan l-iskop u dan diversi xhur wara li rċeviet il-flus mingħand l-atturi. Fil-fatt, mill-istatements tal-kont tal-bank ta' Alison, ma jirriżultax illi din kienet qed toqgħod lura milli tonfoq il-flus sabiex tkun tista' thallas lura l-home loan kemm jista' jkun malajr kif jgħidu l-atturi.

> Mill-provi jirriżulta wkoll illi l-atturi kienu f'qaghda li jifilħu finanzjarjament jgħinu lill-uliedhom u l-attur kien rċieva xi flus ukoll mill-bejgħ ta' proprjetà li hu u ħutu kienu wirtu mingħand missierhom. Il-Qorti żżid tgħid illi m'hemmx dubju wkoll li l-pagamenti li saru lil Alison dejjem kienu irrevokabbli.
>
> Dwar l-oġġetti tad-deheb, il-konvenut jeċċepixxi li dawn ukoll kienu ngħataw b'donazzjoni u mhux b'self u li sa fejn jaf hu dawn baqgħu fil-pussess tal-attriċi u li huwa qatt ma ra dan id-deheb b'għajnejh. Il-Qorti tqis illi anke dwar dawn l-oġġetti, l-atturi ma ressqux biżżejjed prova sabiex jikkonvinċuha li verament hemm xi oġġetti tad-deheb u ġojjellerija oħra mislufa lil Alison li baqgħu fil-pussess tal-konvenut wara li mietet.
>
> Il-Qorti ttendi li taqbel mal-konvenut meta permezz tal-aħħar eċċezzjoni tiegħu jeċċepixxi li din il-kawża saret unikament għaliex l-atturi ħaduha bi kbira li binthom ħalliet lilu bħala eredi universali tagħha. Il-Qorti ma tistax ma żżidx tgħid ukoll illi m'hemmx dubju li l-atturi kienu għaddejjin minn żmien diffiċli peress li kienu għadhom kemm tilfu lil binthom traġikament ftit tal-ġimgħat qabel ma nfetħet din il-kawża u l-inċident li seħħ l-għada tal-funeral żgur illi kompla jaggrava l-uġieħ tagħhom."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

12. Permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-konvenut, *qua* eredi universali ta' binthom Alison Buhagiar, jiġi ordnat iħallashom is-somma ta' €30,000 li huma jgħidu li kienu għaddew lil binthom bħala self *brevi manu*. Il-verżjoni attriċi hija li huma riedu jgħinu lil binthom taqta' l-*home loan* li kellha mal-bank aktar malajr peress li din kienet sors ta' inkwiet kbir għaliha għaliex kienet marida u ma kinitx taf jekk kinitx ser tkun kapaċi tkompli taħdem għas-snin kollha meħtieġa biex taqta' l-*loan* kieku kellha tħallas skont il-pagamenti mensili ffissati mill-bank. L-atturi jgħidu li binthom kienet esprimiet ħsieb fis-sens li tieqaf milli toħrog biex tkun

tista' tirdoppja l-pagament li kienet tagħmel ta' kull xahar, ħaġa li huma ma xtaqux għall-ġid tagħha stess, u għalhekk meta missierha l-attur wiret xi flus kien għaddielha numru ta' pagamenti ta' €5,000 u kien reġa' għaddielha aktar flus mir-rikavat tal-bejgħ ta' proprjeta` li kien wiret. Il-konvenut jiċħad kategorikament li din is-somma ta' €30,000 kienet ġiet mogħtija lil Alison Buhagiar bħala self *brevi manu* u jsostni li din kienet ġiet mogħtija b'donazzjoni mill-atturi lil binthom. Skont il-konvenut l-atturi kien taw ammont sostanzjali ta' flus lil binthom l-oħra Audrey u għalhekk kienu għażlu li jagħtu xi flus lil Alison minn suċċessjoni li wiret l-attur biex iġibu lil uliedhom pariġġ.

13. Wara li fliet l-atti kollha tal-kawża bir-reqqa din il-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet magħmula u l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti huma raġonevoli u ġusti u l-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha għaliex tibdel is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Il-Qorti ma taqbilx mal-atturi li l-Ewwel Qorti qalbet l-oneru tal-prova għal fuqhom. Anzi, minn qari tas-sentenza jirriżulta li, kif jgħid l-appellat, is-sentenzi ċitati mill-appellanti fl-appell tagħhom dwar l-oneru tal-prova f'dawn it-tip ta' każijiet ġew ċitati mill-Ewwel Qorti stess, li juri ndiskuttibilment li l-Ewwel Qorti kienet ben konxja dwar l-oneru tal-prova applikabbli f'din il-kawża u li kien hemm presunzjoni favur tagħhom li s-somma reklamata minnhom ġiet mogħtija bħala self u mhux bħala donazzjoni. Il-fatt li teżisti din il-presunzjoni u li kien hemm kunflitt fil-provi ma jfissirx pero` li l-Ewwel Qorti kellha tabilfors

issib favur l-atturi. Ġaladarba l-presunzjoni in kwistjoni mhijiex waħda assoluta l-Ewwel Qorti kienet libera li tagħżel li temmen dik il-verżjoni li qieset l-aktar waħda konvinċenti skont ir-regoli tal-prova applikabbli fil-kamp ċivili, u ċioe` fuq grad ta' bilanċ ta' probabilitajiet. Għalkemm naturalment l-eżistenza ta' din il-presunzjoni timmilita sew favur l-appellanti, dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha tapplika grad ta' prova aktar oneruż, lil hinn minn kull dubju, kif donnhom jippretendu l-appellanti.

14. Minn eżami tal-provi prodotti mill-partijiet il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma jirriżultax suffiċjentement li l-ammont pretiż mill-atturi kien ingħata lil binthom Alison bħala self u mhux bħala donazzjoni. L-atturi jikkontendu li l-flus żgur ma ngħatawx lil Alison Buhagiar bħala donazzjoni għaliex meta oħtha Audrey Buhagiar kellha bżonn l-għajnuna finanzjarja tagħhom huma kienu biss sellfulha flus u mhux tawha donazzjoni u huma riedu jittrattaw liż-żewġ uliedhom l-istess. Bħala prova korroborattiva ta' dan ġiet prodotta in atti kopja ta' ċekk li l-atturi jgħidu li juri li Audrey Buhagiar kienet qed tħallashom lura l-flus li kienu sellfuha. Din il-Qorti tosserva pero` li dan iċ-ċekk inħareġ minn Audrey Buhagiar xi xahar qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, u ma jirriżultax li sar xi pagament ieħor minnha qabel jew wara l-ħruġ ta' dan iċ-ċekk. Fil-fatt, għalkemm il-kawża odjerna damet għaddejja ħames snin l-atturi ma ressqu l-ebda prova ta' xi pagament ieħor magħmul minn binthom Audrey għajr dan iċ-ċekk. Inoltre, minn eżami tar-rendikonti

bankarji ta' Audrey Buhagiar li ġew preżentati in atti ma jidhirx li qatt xi darba sar xi ħlas ieħor lil missierha, anke meta kienet f'posizzjoni finanzjarja aħjar milli kienet fiha meta apparentament għamlet dan il-ħlas ta' €2,400. Din il-Qorti taqbel għalhekk mal-Ewwel Qorti li din it-teżi tal-attur m'hija xejn konvinċenti.

15. Anke l-verżjoni mogħtija mill-atturi li huma kienu ddeċidew isellfu flus lil binthom Alison minħabba li kienet inkwetata dwar il-*loan* li kellha mal-bank tinsab kontradetta mill-provi. Dak li jirriżulta mill-provi huwa fil-fatt l-oppost peress illi mill-provi jirriżulta, kif sewwa kkonstatat l-Ewwel Qorti, li bint l-atturi kienet tonfoq ammont sostanzjali ta' flus kull xahar f'*online shopping,* fattur li jikkontradiċi serjament il-verżjoni tal-atturi. Inoltre, jirriżulta mir-rendikonti bankarji ta' Alison Buhagiar li minkejja li missierha kien għaddielha €20,000 f'Lulju 2015 kien biss f'Settembru 2016 li bdiet tiddepożita ammonti minnhom fil-kont tal-*loan* tagħha, u li mis-somma ta' €30,000 li kien għaddielha missierha hija fil-fatt kienet iddepożitat biss is-somma ta' €21,000. Apparti li dan jikkontradiċi l-verżjoni attriċi dwar ir-raġuni għalfejn sar dan l-allegat self lil Alison Buhagiar, dan jikkorrobora l-verżjoni tal-konvenut li Alison Buhagiar kienet ħassitha skomda tirċievi dawn il-flus mingħand il-ġenituri tagħha u li għall-ewwel ma riditx taċċettahom. Barra minn hekk, għalkemm l-atturi jgħidu li binthom kellha bżonn l-għajnuna għaliex minħabba l-kondizzjoni ta' saħħa tagħha ma setgħetx taħdem aktar bħala għalliema u kienet

minflok daħlet taħdem bħala skrivana b'paga inferjuri, mill-provi jirriżulta li l-paga ta' Alison Buhagiar fil-verita` qatt ma naqset kif jgħidu l-atturi u sa Awwissu 2016 hija kien għad għandha introjtu ta' kawżi €1,400 netti fix-xahar. Mill-FS3 prodotta mill-konvenut jirriżulta mbagħad li fl-2017 Alison Buhagiar kienet għadha impjegata mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-paga tagħha kienet ta' ċirka €1,870 *gross* fix-xahar. Għaldaqstant anke din il-parti tat-teżi attriċi tinsab kompletament kontradetta mill-provi. B'żieda ma' dan il-Qorti tqis li l-intestaturi tat-trasferimenti bankarji li l-attur għamel lil Alison Buhagiar, dejjem "*From Dada*" jew "*From Dad*" jagħtu aktar l-impressjoni li dawn kienu donazzjoni u mhux self.

16. L-atturi jargumentaw inoltre li l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li l-flus in kwistjoni ġew mgħoddija bħala self u mhux donazzjoni għaliex is-somma hija waħda sostanzjali kkonsidrat il-mezzi tagħhom, u jżidu li fil-fatt huma kienu biss kapaċi jgħaddu dawn il-flus lil Alison Buhagiar għaliex kien wiret xi flus l-attur. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ma jirriżultax li l-atturi ma kinux f'posizzjoni li jgħinu lil uliedhom sostanzjalment mingħajr l-għajnuna ta' xi wirt, ikkonsidrat li huma stess jgħidu li qabel din l-għajnuna li taw lil Alison huma kienu għenu finanzjarjament lil binthom l-oħra Audrey, u għal raġunijiet diġa` spjegati din il-Qorti ma temminx li l-għajnuna ngħatat fil-forma ta' self u mhux donazzjoni. Il-Qorti tirrileva li d-determinazzjoni dwar jekk l-ammont mertu tal-kawża kienx tant sostanzjali li ta' bilfors iwassal lill-Qorti biex

tikkonkludi li kien ġie misluf u mhux donat hija waħda soġġettiva għaliex neċessarjament tiddependi fuq il-mezzi tal-persuna li tkun ħallset dik is-somma. Minn eżami tal-provi prodotti f'din il-kawża jirriżulta li l-attur kellu paga ferm tajba meta kien għadu jaħdem, filwaqt li fl-irtirar tiegħu kien jirċievi żewġ pensjonijiet, waħda tat-Teżor u waħda tal-irtirar, b'tali mod li anke bħala pensjonant kellu introjtu ta' ċirka €1,500 kull erba' ġimgħat, u dan mingħajr ma wieħed jikkonsidra il-pensjoni tal-attriċi. Ikkonsidrat partikolament li lanqas ma jirriżulta li l-atturi kellhom xi *loan* xi jħallsu dan ifisser li l-atturi kienu f'posizzjoni finanzjarja pjuttost komda, ikkonsidrat li bil-pensjoni tagħhom biss l-atturi kellhom introjtu mensili li kien ferm ogħla mill-paga medja. Il-Qorti tkompli billi tosserva li mir-rendikont bankarju tal-kont minn fejn inħarġu l-flus mertu ta' din il-kawża jirriżulta li qabel m'għamel trasferiment ta' €20,000 lil Alison Buhagiar f'Lulju 2015 il-bilanċ tal-kont tal-attur kien ta' €42,407.38. Imbagħad qabel ma' l-attur għadda s-somma ta' €10,000 lil bintu f'Ottubru 2016 il-bilanċ tal-kont tiegħu kien reġa' żdied għal €52,487.16. Eżami tar-rendikonti bankarji tal-attur fil-fatt juri li minkejja li kien għadda s-somma ta' €30,000 lil bintu Alison, fl-2017 l-attur kellu ċirka €70,000 imfaddlin fil-kontijiet bankarji tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li għalkemm oġġettivament €30,000 hija somma sostanzjali, il-mezzi u posizzjoni finanzjarja tal-atturi kienu tali li jippermettulhom jagħtu donazzjoni ta' din in-natura lil binthom, filwaqt li jkollhom ammont ferm akbar ta' flus imfaddlin taħt rashom fl-eventwalita` li tinqala' xi ħaga.

17. Fir-rigward tal-ġojjellerija li l-atturi jgħidu li silfu lil Alison Buhagiar, il-Qorti tosserva li l-atturi ma ressqu l-ebda argument ġdid fir-rikors tal-appell tagħhom f'dan ir-rigward u bl-ebda mod ma spjegaw għalfejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għandha tiġi rrevokata, u dan minkejja li qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tilqa' t-talbiet kollha attriċi. Għaldaqstant il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn tirriforma din il-parti tas-sentenza appellata.

18. Għaldaqstant l-appell tal-atturi jirriżulta infondat u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr